**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 44** **15 ta' Lulju, 2026**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgħa 15 ta' Lulju fit-15.00 ta' wara nofsinhar.

Din il-laqgħa ixxandret 'live' permezz tas-sistema tal-'online streaming' kif wkoll kienet miżmuma bis sistema tal-'Video On Demand' u mtella' fuq il-paġna tal-Kunsill https://marsaxlokklc.gov.mt/live-streaming/

**PREŻENTI:**
Steven Grech - Sindku
Miriam Camilleri - Viċi Sindku
Matthew Buġeja - Kunsillier
Daniel Zerafa - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
Reno Buġeja - Kunsillier

**ASSENTI:**
Ħadd

**MEMBRI TAL-PUBBLIKU**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Vanessa Galea - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **44.1** | **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija** |
| 44.1.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li l-Kunsillier Reno Buġeja kien ippreżenta ittra ta' apoloġija fejn talab li jiġi skużat mill-attendenza għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsilliera preżenti nnutaw. |
| | |
| **44.2** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 44.2.1 | Il-laqgħa bdiet fit-3.22pm. Ġew approvati l-minuti Nru 42 u 43. |
| | |
| **44.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 44.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti dwar diversi laqgħat li kellu rigward il-kwistjoni tad-drenaġġ f'Port Ruman. Spjega li r-rappreżentanti tar-residenti ta' Port Ruman ma jaqblux li tinqala' t-triq sabiex isir id-drenaġġ mill-ġdid. Is-Sindku spjega li l-parti tad-drenaġġ li hemm bżonn tinbidel tinsab fuq in-naħa ta' wara ta' Port Ruman u, għalhekk, huwa previst li jsir xogħol fuq din il-parti biss.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja staqsa jekk ir-residenti kollha humiex kontra l-proposta. Is-Sindku spjega li hemm tliet residenti li qed jirrappreżentaw lir-residenti ta' Port Ruman u li qed jikkomunikaw f'isimhom.<br>Is-Sindku informa wkoll li huwa previst li jinbidlu l-arbli tad-dawl u li ssir manutenzjoni tal-bankina. Il-kanal eżistenti ser jibqa' hemm minħabba cables li għad iridu jgħaddu minnu. Is-Sindku ċċara li t-triq mhux ser tinħareġ u terġa' ssir bit-tarmac, iżda x-xogħol ser ikun limitat għall-bankina u għad-dawl.<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa daħal fil-laqgħa fit-3:31pm, wara d-diskussjoni dwar Port Ruman. Is-Sindku tah aġġornament fil-qosor dwar id-diskussjoni.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja osserva li d-drenaġġ eżistenti huwa adegwat għall-ammont ta' residenti li hemm preżentement, iżda li, peress li fil-futur huwa mistenni żvilupp ulterjuri fil-bini, tista' tqum problema ta' kapaċità tad-drenaġġ. Huwa sostna li l-Kunsill jista' ma jkunx responsabbli għal din il-problema fil-futur, peress li bħalissa hemm l-opportunità li d-drenaġġ jinbidel, iżda r-residenti qed joġġezzjonaw.<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa żied jgħid li għandha tkun il-Kunsill li jieħu d-deċiżjoni dwar jekk isirx id-drenaġġ il-ġdid u mhux ir-rappreżentanti tar-residenti ta' Port Ruman.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja ppropona li tiġi ffurmata Residents' Association għal din it-triq. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.<br>Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsilliera li x-xogħol fuq il-ġnien li jinsab fid-daħla ta' Port Ruman għadu għaddej u mistenni jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin. Żied jgħid li qed isiru tentattivi sabiex it-trasport pubbliku jgħaddi mid-daħla fejn tinsab il-magna tal-BCRS u l-Università, u jinżel min-naħa tal-ġenb tal-ġnien ta' Port Ruman, kif ukoll li jiġi introdott bus stop viċin l-Università. Il-Kunsilliera preżenti nnutaw. |

| | |
|---|---|
| | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kien hemm bżonn li jsir vot sabiex jiġi approvat il-ħlas ta' €700 relatat mas-sound u l-animazzjoni ta' parti mill-attività organizzata bejn il-Kunsill u l-festa. Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-ħlas propost.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv, bil-permess tas-Sindku, spjegat li l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta rigward il-fondi mitluba mingħand Electrogas sabiex jiġu rranġati l-AEDs. Hija informat ukoll lill-Kunsilliera li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-AKL u l-MTA sabiex dawn jiġu rranġati mill-Kunsill, minħabba r-responsabbiltà li għandu l-Kunsill.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja staqsa jekk kienx sar kuntatt mal-Ministeru għas-Saħħa. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-MTA tiġi kkuntattjata sabiex jiġi ċċarat jekk hemmx fondi disponibbli għal dan il-għan, filwaqt li l-AKL tiġi infurmata li l-Kunsill ma għandux fondi allokati għal dan ix-xogħol u tintalab l-għajnuna tagħha.<br>Il-Viċi Sindku informat lill-Kunsilliera li ser tikkuntattja wkoll lill-Ministru għas-Saħħa dwar din il-kwistjoni.<br><br>Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li x-xogħlijiet fit-toroq relatati mal-installazzjoni ta' cables ġodda u t-tneħħija tal-wiċċ tat-toroq kważi waslu fi tmiemhom, u li għad fadal ix-xogħol fi Triq San Piju.<br>Is-Sindku informa wkoll li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni mingħand l-Enemalta li x-xogħol ser ikompli minn Triq San Franġisk sa Triq Salvatur max-Xatt, fejn ser jgħaddu cables ġodda. Huwa spjega li l-parti tax-Xatt hija prevista li tinqala' wara l-perjodu tas-sajf.<br><br>Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kien ġie kkuntattjat mis-sid tal-Barumbara li tinsab fi Triq Lepanto, peress li l-Kunsill qiegħed jikkunsidra l-possibbiltà li din tiġi rilokata. Huwa spjega li l-Gvern xtara t-triq, filwaqt li l-Barumbara u l-art li fuqha tinsab għadhom proprjetà tas-sidien.<br>Is-Sindku spjega li l-proposta hija li l-Barumbara tibqa' fil-post tagħha, filwaqt li t-triq tgħaddi minn ġos-sqaq u tiġi ffurmata junction, b'espansjoni ta' Triq Lepanto u Triq Kavallerizza, u eventwalment tiġi ffurmata roundabout. Huwa sostna li din tista' tkun soluzzjoni għall-problema eżistenti u li ser jippreżenta din il-proposta lil Infrastructure Malta.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja fakkar li fil-passat kienu saru diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni, fejn kien ġie propost li l-art tinxtara mill-Gvern u tiġi żviluppata bħala żona ħadra. Is-Sindku qabel ma' din il-proposta.<br>Is-Sindku żied jgħid li, jekk ma jinstabx l-appoġġ meħtieġ sabiex it-triq tgħaddi mis-sqaq, ikun hemm il-possibbiltà li l-Barumbara jkollha tiġi rilokata. |
| | |
| **44.4** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti** |
| 44.4.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tas-seduta l-Iskeda tal-Pagamenti Nru. 07/2026, kif ukoll l-Iskeda tal-Petty Cash għax-xahar ta' Ġunju. Dawn ġew approvati mill-Viċi Sindku bħala proponent u ssekondati mill-Kunsillier Matthew Buġeja. |

| | |
|---|---|
| | |
| **44.5** | **Korrespondenza** |
| 44.5.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv, bil-permess tas-Sindku, informat lill-Kunsilliera li l-Kunsill irċieva korrispondenza rigward it-tqegħid ta' tabelli bil-Braille fil-pubbliku u jekk il-Kunsill huwiex interessat li jiġu installati tali tabelli fil-lokalità.<br>Il-Viċi Sindku qalet li, jekk ikun hemm każ partikolari fejn ikun hemm bżonn ta' tali tabelli, il-Kunsill jerġa' jiddiskuti l-kwistjoni u, jekk ikun meħtieġ, jiġu installati. Il-Kunsilliera preżenti qablu.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li l-Kunsill irċieva korrispondenza rigward in-'Nazzareno Vassallo Awards', fejn il-Kunsill jista' jinnomina persuna li tkun għamlet impatt pożittiv fil-komunità ta' Marsaxlokk u li tkun tgħin lill-persuni anzjani.<br>Wara diskussjoni, il-Kunsilliera qalu li ma għandhom l-ebda persuna li jixtiequ jinnominaw għal dan il-premju.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand TCTC rigward kors relatat mal-IT, li l-ispiża tiegħu hija ta' madwar €3,800.<br>Wara diskussjoni, il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill ma jipparteċipax f'dan il-kors.<br><br>Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand banda li ser tinżel iddoqq ġewwa Marsaxlokk u talbet li jiġu riżervati madwar 25 spazju għall-parkeġġ għal diversi jiem.<br>Il-Kunsill qabel li l-vetturi jiġu pparkjati fil-parkeġġ ta' Triq Kavallerizza. B'eċċezzjoni għal dawk il-persuni li jkollhom strumenti tqal jew kbar, li jkunu jistgħu jwaqqfu l-vettura tagħhom quddiem il-knisja sabiex jitgħabbew u jitniżżlu l-istrumenti, u wara l-vettura tiġi pparkjata fil-parkeġġ ta' Triq Kavallerizza.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera dwar korrispondenza rigward Group Life Policy għall-membri eletti. Il-Kunsill qabel li jipproċedi bl-applikazzjoni għal din il-polza.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera dwar korrispondenza rigward l-inizjattiva 'AI for All', li toffri taħriġ online b'xejn lir-residenti.<br>Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jipproċedi bl-applikazzjoni sabiex din l-opportunità tkun tista' tiġi offruta lir-residenti.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera dwar talba minn residenta li tgħix fi Triq is-Salvatur, li qiegħda tiltaqa' ma' diffikultajiet relatati mal-parkeġġ u talbet li ż-żona tiġi kkunsidrata bħala żona residenzjali.<br>Is-Sindku nnota li madwar ħames minuti 'l bogħod hemm il-parkeġġ ta' Triq Kavallerizza u ssuġġerixxa li r-residenta tiġi infurmata b'dan.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja żied jgħid li l-parti t'isfel ta' Triq is-Salvatur tinsab fil-proċess sabiex, fil-futur, tkun inkluża fi skema ta' parkeġġ ikkontrollat. Huwa nnota, madankollu, li l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta mingħand Transport Malta. |

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Cancer Research Malta sabiex jintuża l-parkeġġ fi Pjazza l-Ħadd nhar it-13 ta' Settembru 2026 filgħodu.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja ssuġġerixxa li jiġi propost lil Cancer Research Malta sabiex jinżlu f'Marsaxlokk f'Jum Marsaxlokk u li jiġi identifikat spazju adattat għal dik il-ġurnata, inkluż il-possibbiltà li jintuża l-ispazju quddiem ir-Rizzu.<br>Is-Sindku żied jgħid li tista' tiġi kkunsidrata wkoll il-possibbiltà li jintuża l-parkeġġ tal-Magħluq.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li l-Kunsill irċieva korrispondenza rigward il-programm CERV, wara l-laqgħa li kienet saret preċedentement bejn is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Matthew Buġeja.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja spjega li l-Università ta' Malta u l-Università ta' Pavia għandhom proġett konġunt fil-qasam tal-geoscience, iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, li jinkludi riċerka relatata mal-kosta.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja staqsa jekk kienx hemm xi spejjeż li jkollu jġorr il-Kunsill. Ir-rappreżentanta informat li ma kien hemm l-ebda spejjeż.<br>Madankollu, il-Kunsillier Matthew Buġeja irrimarka li fil-korrispondenza hemm indikat li l-Kunsill għandu jikkontribwixxi 10% tal-ispejjeż u li dan ma kienx ġie spjegat waqt il-laqgħa preċedenti. Huwa rrimarka wkoll li fl-email mibgħuta lill-Kunsill ta' Marsaxlokk kien hemm żball fir-riferiment għall-lokalità, fejn kienet indikata lokalità differenti, dik ta' Birżebbuġa.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera dwar korrispondenza rigward l-inizjattiva 'European Week of Sport Initiative 2026'.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja ssuġġerixxa li l-informazzjoni tintbagħat lil membru tal-Marsaxlokk Football Club sabiex jiġi kkunsidrat jekk il-klabb jistax jipparteċipa f'din l-inizjattiva. Il-Kunsilliera preżenti qablu.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li l-Kunsill irċieva żewġ korrispondenzi mingħand l-Ombudsman dwar żewġ każijiet differenti.<br>Rigward l-ewwel każ, is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-każ jirrigwarda operatur ta' boat trips li, waqt il-ħinijiet tal-operat tiegħu, ikun qiegħed jarma mejda u umbrella viċin il-ħolqa. L-Ombudsman ikkonkluda l-każ u ħareġ l-opinjoni finali tiegħu, fejn irrakkomanda li l-operatur jitħalla jopera sa ħames metri mill-ħolqa.<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa irrimarka li r-regola tal-ħames metri ma tistax tiġi applikata b'mod uniformi f'Marsaxlokk, minħabba li fil-lokalità hemm ħolqa kull metru. Huwa rrimarka wkoll li r-regolamenti jipprovdu li l-operat ma għandux jostakola lil terzi persuni.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja sostna li l-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li l-operatur jopera mill-linji 'l ġewwa, sabiex ma jkunx hemm ostakolu għall-pubbliku.<br>Rigward it-tieni każ, is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li l-korrispondenza tal-Ombudsman kienet tirrigwarda operatur ieħor ta' dgħajsa li qed jiffaċċja diffikultà biex isib spazju minn fejn itella' t-turisti minħabba l-operat tal-bejjiegħa tal-monti tal-Ħadd.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-korrispondenza skambjata bejn il-Kunsill u l-Ombudsman dwar dan il-każ. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li tintbagħat risposta lill-Ombudsman fejn jintalab jassisti sabiex tinstab soluzzjoni li |

| | |
|---|---|
| | tippermetti lill-operaturi tal-monti, l-operaturi tar-ristoranti u l-operaturi tad-dgħajjes joperaw b'mod koordinat u mingħajr ma jostakolaw lil xulxin.<br>Il-Kunsill qabel ukoll li l-Ombudsman jiġi mistieden jagħmel żjara fuq il-post f'Ħadd sabiex ikun jista' jara s-sitwazzjoni kif tkun qed isseħħ fil-prattika u jingħata stampa aktar ċara tal-kwistjoni. |
| | |
| **44.6** | **Plakek Memorabli tal-Bankijiet** |
| 44.6.1 | Il-Viċi Sindku kellha tippreżenta stampi ta' plakek kommemorattivi li jistgħu jitwaħħlu mal-bankijiet sabiex jiġu ddedikati bħala tifkira ta' persuni partikolari. Madankollu, l-istampi ma ġewx ippreżentati u għalhekk il-kwistjoni ser terġa' tiġi diskussa f'laqgħa oħra. |
| | |
| **44.7** | **SPI.SCI.06.2026 - Skema Karnival** |
| 44.7.1 | Il-Kunsilliera qablu unanimament li l-Kunsill jipproċedi bl-applikazzjoni. |
| | |
| **44.8** | **Jum Marsaxlokk (diskussjoni aktar fid-dettal)** |
| 44.8.1 | Wara diskussjoni, ġie deċiż li jinfetħu n-nomini għall-Ġieħ Marsaxlokk u li dawn jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.<br><br>Ġie propost ukoll li jiġu kkuntattjati Heritage Malta sabiex jiġi kkunsidrat il-ftuħ tat-Tempji ta' Tas-Silġ għall-pubbliku. Barra minn hekk, jiġu kkuntattjati l-ERA, Project Green, l-Canine Unit, First Aiders u l-Armata sabiex jikkunsidraw jarmawx stall jew jipparteċipaw b'wirja relatata mal-attività.<br><br>Ġie propost ukoll li jiġu kkuntattjati persuni sabiex jaqdu r-rwol ta' komparatur u pjanista waqt l-attività, kif ukoll li jiġi kkuntattjat il-Kappillan sabiex jiġi kkoordinat il-ħin tal-quddiesa qabel iċ-ċerimonja.<br><br>Il-Kunsilliera kollha qablu ma' dawn il-proposti. |
| | |
| **44.9** | **Performance Bonuses** |
| 44.9.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsilliera li ma kien hemm l-ebda problemi relatata ma' ħidma min-naħa tal-istaff. Il-Kunsilliera preżenti qablu li jingħata l-full Performance Bonus għall-perjodu bejn Jannar u Ġunju 2026. |
| | |
| **44.10** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |

| | |
|---|---|
| 44.10.1 | Il-Viċi Sindku pproponiet li fi Triq Tonin Attard, spazju għall-parkeġġ eżistenti, li huwa mmarkat għal karozza iżda minħabba d-daqs tiegħu karozza ma tkunx tista' tipparkja kompletament fil-linji indikati, jiġi kkonvertit għal żewġ spazji għall-parkeġġ tal-muturi. Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-proposta.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja informa lill-Kunsilliera li l-Community Police għandhom ikunu infurmati dwar vetturi b'Y-Plates li jkunu pparkjati fl-ispazji tal-parkeġġ fi Triq Tonin Attard. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota u informat li ser tgħaddi din l-informazzjoni lill-Community Police.<br><br>Il-Viċi Sindku pproponiet li jiġu installati bins għall-iskart f'diversi postijiet max-Xatt. Wara diskussjoni dwar il-possibbiltà ta' żieda fil-bins u l-impatt tagħhom fuq iż-żona, il-Kunsill iddeċieda, b'maġġoranza, li jiġu installati bins imwaħħla mal-art fuq in-naħa tal-baħar fil-postijiet li ġejjin:<br>• Faċċata tal-Iskuna Restaurant;<br>• Faċċata ta' Triq is-Salvatur;<br>• Faċċata tal-Pisces Restaurant;<br>• Faċċata tal-Każin tal-Partit Laburista, viċin il-Winch Room;<br>• Ħdejn il-bus stop tal-Pjazza.<br>Is-Sindku astjena mill-vot. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Matthew Buġeja vvutaw favur, filwaqt li l-Kunsillier Daniel Zerafa vvota kontra.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja staqsa dwar l-istat tal-proċess tat-tenders relatati mas-servizz tal-bulky refuse u mas-servizzi tal-IT.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv informat li t-tender relatat mas-servizzi tal-IT ġie kkanċellat u li ser ikun meħtieġ li jiġi ppreparat proċess ġdid.<br>Rigward it-tender tal-bulky refuse, is-Segretarju Eżekuttiv, waqt telefonata mal-konsulent tal-Kunsill, ġiet informata li l-proċess bħalissa jinsab pendenti minħabba kwistjoni relatata mal-liċenzja mitluba fit-tender. Ġie spjegat li bħalissa hemm diversi tenders ta' Kunsilli Lokali li jinsabu pendenti minħabba din il-kwistjoni, filwaqt li f'każijiet fejn il-proċess kompla, qegħdin jiġu ppreżentati appelli relatati mal-istess kwistjoni.<br>Ġie kkonfermat li t-tender tal-Kunsill ġie ppubblikat u rċieva submissions, iżda l-evalwazzjonijiet għadhom ma ġewx konklużi sakemm ikun hemm direzzjoni ulterjuri min-naħa tal-Gvern. Il-Kunsilliera preżenti nnutaw.<br><br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja informa lill-Kunsilliera li kien irċieva diversi ilmenti relatati mal-kundizzjoni tal-Bajja tal-Għar Aħmar, partikolarment dwar l-istat tar-ramel u l-fatt li ċerti xogħlijiet li kienu ġew imwiegħda ma ġewx implimentati.<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja ssuġġerixxa li ssir diskussjoni mal-partijiet responsabbli mix-xogħlijiet sabiex il-bajja tiġi rranġata u l-kwistjoni tiġi indirizzata qabel is-sena d-dieħla, inkluż il-problema relatata mas-sifting tar-ramel.<br>Is-Sindku informa li kien diġà għamel kuntatt mad-Dipartiment tat-Tindif u li ser isiru arranġamenti sabiex jiġi pprovdut sifter għar-ramel.<br>Il-Viċi Sindku staqsiet ukoll dwar il-possibbiltà li jkun hemm għamara, bħal bankijiet, fil-bajja. Is-Sindku spjega li l-ERA ma taqbilx mat-tqegħid ta' tali għamara u li ser ikomplu d-diskussjonijiet dwar din il-kwistjoni.<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa żied jgħid li l-livell tal-qiegħ tal-baħar fiż-żona tar-ramel żdied, u b'hekk il-baħar naqas fil-fond minħabba li r-ramel daħal aktar 'il ġewwa. |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsillier Daniel Zerafa talab li l-Kunsill jitlob lil LESA rendikont taċ-ċitazzjonijiet li ngħataw ġewwa Marsaxlokk, fejn ikun possibbli, inkluż minn liema kamera nqabdet il-kontravenzjoni, il-post fejn seħħet u r-raġuni għaċ-ċitazzjoni.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota tat-talba u informat lill-Kunsilliera li ser tagħmel kuntatt ma' LESA sabiex titlob din l-informazzjoni.<br><br>Il-Kunsillier Reno Buġeja ħareġ mil-laqgħa. |
| | |
| **44.11** | **Planning Authority** |
| 44.11.1 | **PA4387/26**<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa informa lill-Kunsilliera li din l-applikazzjoni tirrigwarda plot fi Triq il-Wilġa li jibqa' sejjer sa Triq Tas-Silġ. Huwa spjega li l-faċċata tal-binja hija proposta bil-ġebla u bl-arkati li kienu jeżistu preċedentement.<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa ppropona li l-Kunsill jibgħat osservazzjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex il-parti tal-binja li ser tkun għolja u viżibbli minn Triq il-Wilġa tkun taqbel fl-arkitettura mal-faċċata prinċipali. Huwa ssuġġerixxa li, fejn possibbli, tintuża l-ġebla jew kulur li jixbah il-ġebla, u li l-aperturi jkunu bl-istess kulur tal-faċċata.<br>Huwa ssuġġerixxa wkoll li l-apertura fil-parti t'isfel tal-faċċata, li hija kollha tal-ħġieġ, tinbidel sabiex tkun konsistenti mal-aperturi l-oħra tal-faċċata.<br>Barra minn hekk, irrimarka li l-parti tal-binja fuq il-ġenb u fuq wara, li ser tkun viżibbli, għandha tiġi trattata b'mod xieraq, inkluż bil-possibbiltà li tiġi miżbugħa b'silhouette relatata ma' Marsaxlokk jew mal-ambjent tal-madwar.<br>Il-Kunsilliera preżenti qablu li dawn l-osservazzjonijiet jintbagħtu lill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>**PA04416/26**<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa informa lill-Kunsilliera li din l-applikazzjoni tirrigwarda l-iżvilupp ta' greenhouse u kamra fl-inħawi ta' Xrobb l-Għaġin, wara l-batterija ta' San Pawl.<br>Il-Kunsillier Daniel Zerafa astjena mill-vot. Il-Kunsilliera l-oħra preżenti ma esprimew l-ebda oġġezzjoni għall-applikazzjoni.<br><br>**PA04807/26**<br>Il-Kunsilliera ġew infurmati li din l-applikazzjoni tirrigwarda żvilupp fuq razzett tal-mogħoż fi Triq Xrobb l-Għaġin, fil-viċinanzi tal-Kappella ta' San Nikola, fl-aħħar taż-żona taż-Żejtun, kważi mal-konfini ta' Marsaxlokk.<br>Il-Kunsilliera preżenti ma esprimew l-ebda oġġezzjoni għall-applikazzjoni.<br><br>**PA1293/25**<br>Il-Kunsillier Matthew Buġeja ppropona li l-Kunsill jerġa' jibgħat lill-Awtorità tal-Ippjanar l-osservazzjoni sabiex min-naħa tal-Majjistral (north-west side) il-plot fejn jinsab is-San Souci jiġi trattat b'mod terraced, sabiex jiġi evitat li jinħoloq ħajt vojt ġdid.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota tal-proposta. |

| | |
|---|---|
| | |
| **44.12** | **Tmiem tal-Laqgħa** |
| 44.12.1 | Il-laqgħa li jmiss ġiet deċiża li ssir fl-10 ta’ Awwissu fil-17.00pm.<br>Il-laqgħa ntemmet, wara li ġiet eżawrita l-aġenda. |

Konfermati, illum 10 ta’ Settembru, 2026.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| _______________________ | _______________________ |
| **Steven Grech** | **Vanessa Galea** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| _______________________ | _______________________ |
| ***Proponent*** | ***Sekondant*** |